# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 119/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesus Mary sive Jesmond Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesus Mary maghruf bhala Jesmond Muscat talli fi Triq il-Merkanti, gewwa l-Belt Valletta, nhar it-13 ta' Lulju, 2000, ghall-habta ta' l-10.30 a.m. (**1**) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju jew b'mod iehor, (**2**) hebb kontra l-persuna ta' Ivan Camilleri sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, (**3**) imbotta lil haddiehor fit-triq biex iwegghu jew jinsulentah, u (**4**) qal kliem oxxen fil-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti illiberat lill-imsemmi Muscat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-19 ta' Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet kif ukoll lill-Ispettur David Saliba bil-gurament fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qed jibbaza d-dritt ta' appell tieghu fuq l-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali, u cioe` peress li qed jallega li l-Pulizija giet impeduta quddem il-Qorti Inferjuri milli ggib xi provi li kienu indispensabbli biex isahhu l-akkuzi, u li skond il-ligi setghu jingiebu. Jallega wkoll l-Avukat Generali li l-ewwel qorti, biex illiberat lil Muscat, bilfors injorat

id-deposizzjoni tal-Ispettur David Saliba, minnu moghtija fl-10 ta' Ottubru, 2000, fejn dana l-ispettur kien fisser li l-imputat kien ammetta mieghu verbalment l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Issa huwa evidenti li l-kwistjoni – li qed tigi migjuba taht is-sura ta' aggravju – ta' x'xehed l-Ispettur Saliba hija purament kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt. Ir-reati ipotzzati fid-diversi imputazzjonijiet – li jidher li huma kollha kontravvenzjonijiet – jaqghu kollha taht il-Kodici Kriminali; taht dana l-Kodici l-Avukat Generali (ghall-anqas sal-lum) m'ghandux dritt ta' appell minn decizzjoni liberatorja hlief fil-kazijiet specifikati fl-Artikolu 413(1)(b) ta' l-istess Kodici (u apparti s-subartikoli (1A), (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 413 li ma japplikawx ghall-kaz odjern). Ghalhekk dak li verament irid jigi deciz minn din il-Qorti huwa jekk f'dan il-kaz jissussistix l-aggravju bbazat fuq is-subparagrafu (vi) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413.

Dak li jidher li gara f'dan il-kaz kien li fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2000 – li kienet l-ewwel udjenza f'din il-kawza – xehed l-Ispettur David Saliba. Mill-verbal ta' dik l-udjenza jirrizulta li wara li xehed dana l-ispettur, il-qorti nnominat diversi esperti. Ma huwiex car fuq talba ta' min gew nominati dawn l-esperti, cioe` jekk hux fuq talba tal-prosekuzzjoni jew tad-difiza. Il-kawza thalliet "ghall-provi tal-Prosekuzzjoni" ghat-12 ta' Dicembru, 2000. Il-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2000 jghid b'mod lakoniku: "Il-kawza differita ghas-6 ta' Marzu 2001". Fis-6 ta' Marzu, 2001 deher l-imputat u l-ufficjal prosekutur; jidher li l-imputat talab differiment – fil-verbal ma jirrizultax ghall-liema raguni – il-prosekuzzjoni ma opponietx, u l-qorti ddifferiet il-kawza ghall-5 ta' Gunju, 2001. Fil-5 ta' Gunju, 2001 l-ufficjal prosekutur talab differiment "billi l-kwerelanti mhumiex notifikati bis-seduta ta' llum u l-esperti ma gewx imharrka". Ma jirrizultax li gew prodotti xi riferti li juru li mqar sar tentattiv ta' notifika kemm tal-kwerelanti kif ukoll tax-xhieda – il-prosekuzzjoni kienet semplicement qed tammetti li ma ghamlitx xogholha. Id-difiza opponiet id-differiment; il-Qorti Inferjuri evidentement ma laqghetx it-talba ghal differiment u ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza liberatorja taghha. L-Avukat Generali, fir-rikors ta' appell tieghu, donnu qed jippretendi li ghax il-prosekuzzjoni ma kienitx opponiet it-talba tal-imputat ghal differiment fis-6 ta' Marzu, 2001, allura l-istess prosekuzzjoni kellha xi "dritt" titlob differiment fil-5 ta' Gunju, 2001, jew li tali talba taghha ma kellhiex tigi opposta mill-imputat u kellha fi kwalunkwe kaz tigi akkordata mill-ewwel qorti. L-Avukat Generali m'ghandux ragun. Huwa rrelevanti l-fatt li fis-6 ta' Marzu, 2001 il-prosekuzzjoni ma opponietx it-talba tal-imputat – jinghad biss li jekk ghal dik l-udjenza il-prosekuzzjoni kellha xhieda regolarment imharrka messha addirittura <u>insistiet li dawna jinstemghu</u> u mhux takwijexxi ghal differiment mitlub mill-imputat. **Huwa inaccettabbli li xhieda li jkunu gew regolarment imharrka u obdew it-tahrika u gew il-qorti -- hafna drabi b'inkonvenjent kbir ghalihom -- ma jinstemghux ghal ebda raguni valida skond il-ligi, izda semplicement ghax l-imputat jitlob differiment jew ghax l-avukat tieghu ma jkunx deher**. Jekk fis-6 ta' Marzu, 2001 il-prosekuzzjoni kienet ghamlet xogholha u harrket ix-xhieda, hija kellha l-obbligu morali li tinsisti li l-kawza tinstema' u

mhux li ma toggezzjonax ghal differiment. Jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, ghal dik l-udjenza ma deherx l-avukat difensur, il-qorti kellha dejjem ir-rimedju li tinkariga avukat jew prokuratur legali biex jassisti lill-imputat (okkorrendo b'posponiment ta' ftit hin biex l-imputat jilhaq jgharraf lid-difensur gdid tieghu bil-fatti tal-kaz). Fi kalunkwe kaz, ma jistax jinghad li fil-5 ta' Gunju, 2001 il-Qorti Inferjuri b'xi mod impediet lill-prosekuzzjoni milli ggib xi provi; kienet l-istess prosekuzzjoni li naqset kompletament mid-doveri taghha billi ma nnotifikatx u ma harrkitx ix-xhieda, inkluzi l-esperti nominati mill-qorti. Ghalhekk f'dana l-kaz l-aggravji kollha ta' l-Avukat Generali jirrizultaw infondati. Dana l-appell jirrazenta l-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur